MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 11/2013

**A B'**
**vs**
**C B'**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici A B' fil-15 ta' Jannar 2013 li permezz tieghu ippremiettiet u talbet is-segwenti:-

"A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI
1. Illi l-partijiet ilhom isseparati mill-24 l' Awwissu 1999 hekk kif jidher mill-kuntratt tas-separazzjoni li sar quddiem in-Nutar Nathalie Pace Asciak, hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A.;

2. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'din il-kawza permezz ta' Digriet Nru 2243/12 hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. B.;

3. Illi kien hemm medjazzjoni miftuha u tali medjazzjoni inghalqet nhar l-14 ta' Gunju 2011 u konsegwentement regghet infethet medjazzjoni ghal talba dwar awment ta' manteniment, liema medjazzjoni inghalqet minghajr success u ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza;

4. Illi l-attrici qieghda titlob awment fil-manteniment li jtieha l-konvenut, manteniment li skont il-kuntratt ta' separazzjoni kien ta' €69.88 (Lm30) fil-gimgha u li permezz ta' ftehim bejn il-partijiet sar ta' hamsin Ewro (€50) fil-gimgha pagabbli fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat bil-quddiem;

5. Illi l-attrici kienet accettat illi l-manteniment jitnaqqas ghal hamsin Ewro (€50) fil-gimgha ghaliex il-konvenut kien ghamel zmien ma jtihiex manteniment u hi kienet hasset li ahjar ikollha hamsin Ewro (€50) kull gimgha minn xejn;

6. Illi barra minn hekk il-konvenut kien kontinwament jghid lill-attrici li ma kellux minn fejn jaghtiha l-manteniment u hi kienet thassritu;

7. Illi l-attrici qieghda issibha impossibbli illi tghix b'tali ammont zghir fil-gimgha specjalment minhabba l-fatt illi peress li tinsab f'qadgha ta' sahha hazina, hi jkollha tixtri ammont ta' medicini ta' spiss u dan hekk kif jidher mid-dokumenti hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. C., Dok. D. u Dok. E.;

8. Illi minkejja li l-konvenut jghid lill-attrici li m'ghandux minn fejn ihallas il-manteniment, hu jixtri ammont kbir ta' alcohol u sigaretti kuljum ghall-uzu personali tieghu;

9. Illi barra minn hekk, hekk kif jidher mid-dokument hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. F., il-konvenut imur wara l-bieb tar-residenza ta' l-attrici bl-ghan li jintimidha u jbezzaghha;

10. Illi addiritura l-konvenut jinsab f'relazzjoni ma' mara li jmantni hu stess;

11. Illi sa llum il-gurnata il-konvenut jaqla minn ta' l-inqas elf Ewro (€1000) fix-xahar li hija l-paga tieghu bhala direttur tal-kumpanija C. B' Marble Works Ltd. u dan apparti l-pensjoni li jiehu;

12. Illi hekk kif jidher mid-dokument hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. G. hemm proceduri legali ghaddejjin, li jgibu n-numru 1198/2012, sabiex l-assi ta' tali kumpanija, li huma ta' valur kbir ghax fil-maggor parti jikkonsistu fi propjetajiet, jigu likwidati u dan ifisser illi l-konvenut se jiehu ammont sostanzjali ta' flus.

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

1. Ghalhekk l-attrici qieghda taghmel din il-kawza sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi l-ammont ta' hamsin Ewro (€50) fil-gimgha jitla' ghal ammont ragonevoli sabiex l-attrici tkun tista tghix b'mod decenti u tlahhaq ma' l-ispejjez ta' sahha illi hi thallas b'mod frekwenti minhabba l-istat dghajef ta' sahhitha.

C. TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-konvenut jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Tordna illi l-ammont ta' hamsin Ewro (€50) fil-gimgha jitla ghal ammont ragonevoli sabiex l-attrici tkun tista tghix b'mod decenti u tlahhaq ma' l-ispejjez ta' sahha illi hi thallas b'mod frekwenti minhabba l-istat dghajef ta' sahhitha;

2. Tiddikjara illi tali awment fil-manteniment ghandu jiehu effett mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat;

3. Tordna illi l-konvenut jiddeppozita tali manteniment direttament fil-kont bankarju ta' l-attrici li jgib in-numru BOV 10757287014.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut C B. Il-konvenut huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B’ ipprezentata fil-25 ta’ Frar 2013 li taqra hekk:-

1. “Illi l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti hija guridikament improponibbli billi hawn si tratta ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, iffirmat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u per konsegwenza japplika l-principju 'pacta sunt servanda', liema kuntratt ta' separazzjoni konsenswali gie sussegwentement emendat b'mod konsenswali permezz ta' ftehim, liema ftehim gie approvat minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 1084/2011 fl-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011);

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma tezisti l-ebda tibdil fic-cirkostanzi mis-sena elfejn u hdax (2011) li hawn li timmerita li jkun hemm xi tip ta' revizjoni fil-manteniment li accettat li tircievi r-rikorrenti u li qieghed jithallas regolarment da parti mill-intimat;

3. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mil-Ligi.

4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”

Rat li fl-udjenza tas-7 ta’ Marzu 2013 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

Illi fl-eccezzjoni preliminari tieghu il-konvenut qed jilqa’ ghat-talbiet attrici billi ressaq l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici ma hiex proponibbli. Il-konvenut qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq il-principju ta’ ‘pacta sunt servanda’.

**Fatti fil-Qosor**.

In forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ippubblikat min-Nutar Dottor Nathalie Pace Asciak fl-24 ta’ Awwissu 1999, il-partijiet ftehmu rigward il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u hlas ta’ manteniment bil-mod segwenti:-

1. Il-konvenut obbliga ruhu li jizgombra mill-fond matrimonjali fi zmien sitt xhur.
2. Il-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm30 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha li kellu jibqa’ jithallas anke jekk l-attrici timpjega ruhha.
3. Il-konvenut assenja lill-attrici kwalsiasi sehem li huwa kellu mill-abbellamenti li saru fil-fond matrimonjali liema abbellamenti kienu saru matul iz-zwieg.
4. Il-konvenut assenja lill-attrici sehemu ta’ nofs indiviz mill-mobbli kollha li kienu jinstabu fil-fond matrimonjali.
5. L-attrici assenjat lill-konvenut kwalsiasi sehem li hija kellha fil-kumpanija C B’ Marble Works Limited.
6. L-attrici assenjat lill-konvenut sehemha minn propjreta’ immobiljari ohra, liema sehem dak iz-zmien gie stmat fl-ammont ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30,000).
7. Ftehmu wkoll li t-termini tal-kuntratt jibqghu invarjati anke fl-eventwalita’ li z-zwieg jigi annullat jew f’kaz ta’ divorzju.
8. Finalment iddikjaraw illi salv l-obbligi naxxenti mill-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ma kellhom ebda pretensjoni ohra kontra xulxin.

Fit-2 ta’ Marzu 2011 l-Avukat tal-attrici pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti ittra fejn talbet li jigi nominat medjatur tal-familja peress li l-konvenut kien ilu sena ma jghaddi manteniment. Dik il-medjazzjoni waslet ghall-iskrittura bejn il-partijiet li giet approvata b’digriet ta’ din il-Qorti tal-14 ta’ Gunju 2011 li permezz taghha, wara li ppremettew li d-dhul tal-konvenut kien naqas “sostanzjalment minn mindu huwa waqaf jahdem u beda jircievi l-pensjoni” u li l-konvenut “m’ghandux mezzi sufficjenti biex ikompli jghaddi manteniment lill-komparenti Mara fl-ammont ikkuntrattat”, ftehmu illi l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment jigi

ridott minn circa Euro.70 fil-gimgha (l-ekwivalenti ta' Lm30) ghal Euro.50 fil-gimgha. L-ammont gdid pattwit kellu jibda jithallas lill-attrici direttament mill-pensjoni tal-konvenut u ghal dan il-ghan kellu jigi avzat id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Finalment il-partijiet iddikjaraw fuq l-imsemmija skrittura li "huma sodisfatti b'dan il-ftehim u jobbligaw rwiehhom li jirtiraw kwalsiasi proceduri civili pendenti quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja."

Fid-19 ta' Settembru 2012, appena hmistax-il xahar wara, l-attrici ipprezentat ittra fir-registru ta' din il-Qorti fejn talbet li jigi istitwit il-process ta' medjazzjoni fuq il-pretensjoni taghha li jkun hemm "awment fil-manteniment" ghaliex qed "issibha impossibbli illi tghix b'tali ammont zghir fil-gimgha". Peress li l-partijiet ma lahqux ftehim, b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2012 il-medjazzjoni giet maghluqa u l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'kawza.

Fil-15 ta' Jannar 2013 l-attrici pprezentat ir-rikors guramentat mertu tal-kawza odjerna fejn qed titlob li l-manteniment ta' Euro.50 fil-gimgha "jitla' ghal ammont ragonevoli sabiex l-attrici tkun tista' tghix b'mod decedenti u tlahhaq ma' l-ispejjez ta' sahha".

Fil-premessi kif elenkati fid-dikjarazzjoni tal-fatti l-attrici timmotiva t-talba taghha ghal awment fil-manteniment minn Euro.50 fil-gimgha billi tiddikjara li kienet accettat li l-manteniment jitnaqqas ghal Euro.50 fil-gimgha:-

1. "ghaliex il-konvenut kien ghamel zmien ma jtihiex manteniment u hi kienet hasset li ahjar ikollha hamsin Ewro (Euro.50) kull gimgha minn xejn".
2. ghaliex il-konvenut kien kontinwament jghidilha "li ma kellux minn fejn jaghtiha l-manteniment u hi kienet thassritu".
3. illi qed issibha difficli tghix b'tali ammont zghir fil-gimgha specjalment minhabba l-qaghda ta' sahha hazina taghha

Ikkunsidrat;

Essenzjalment l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tvarja t-termini tal-iskrittura ta' bejn il-partijiet ta' Gunju 2011

ghaliex meta iffirmat dik l-iskrittura hija kienet “thassret” lill-konvenut filwaqt li irragunat li ahjar ikollha hamsin ewro fil-gimgha “minn xejn”.

Fl-affidavit taghha[1] l-attrici tispjega kif fis-sena 2009 il-konvenut kien ghamel madwar sena ma jtihiex manteniment. Dak iz-zmien diga kienet tbati minn diversi kondizzjonijiet medici u kienu zdidulha l-ispejjez konnessi mal-medicini lilha preskritti. Hija telenka sensiela ta’ kondizzjonijiet medici li dak iz-zmien kienet diga tbati minnhom.

Tispjega kif fl-istess sena kienet bieghet post li kienet wirtet minghand ommha u mir-rikavat ta’ hamsa u ghoxrien elf lira Maltin (Lm25,000) hija kienet ghamlet xogholijiet estensivi fid-dar residenzjali taghha u hallset hafna spejjez konnessi mal-kura medika taghha u medicini.

Tispjega kif lill-attur kienet tithassru tant li mir-rikavat tal-bejgh tal-fond imsemmi kienet tat lill-konvenut b’mod gratuwitu s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000). Dwar kif il-manteniment minn circa Euro.70 fil-gimgha gie ridott bi ftehim ghal Euro.50 fil-gimgha tispjega hekk fl-affidavit taghha:-

“….lil C kont thassartu, tajtu Lm1000 mill-flus li kont hadt mill-bejgh tad-dar u meta kien jghidli illi ma kellux minn fejn itini l-manteniment, ghalkemm kont naf li minn ta l-inqas jiehu elf ewro fix-xahar mill-kumpanija li taghha hu direttur, qbilt li jtini inqas, jigifieri 50 Ewro”.

Xehdu wkoll iz-zewg ulied tal-partijiet. Jispjegaw kemm ommhom ghandha spejjez relatati mal-kura ta’ sahhitha. Spjegaw ukoll li minn dak li jafu huma missierhom huwa persuna tat-tajjeb u ghandu minn fejn ihallas aktar manteniment.

Ikkunsidrat;

---

[1] Fol. 27

**L-Azzjoni Attrici**.

L-ewwel analizi li trid taghmel il-Qorti hu dwar x'inhu dak li qed titlob l-attrici bil-mezz tal-kawza odjerna. Jekk wiehed jezamina sew l-att promotur isib illi essenzjalment l-attrici qed tallega illi filwaqt li meta iffirmat l-iskrittura ta' riduzzjoni ta' manteniment f'Gunju tas-sena 2011 hi kienet temmen li l-konvenut ma kellux introjtu biex ihallasha manteniment, tant li tatu rigal ta' elf lira Maltin (Lm1,000), illum tirrealizza li ghamlet zball ghaliex skont hi u uliedha mhux minnu li l-konvenut m'ghandux minn fejn ihallas manteniment ahjar lill-attrici. Sew l-attrici kif ukoll iz-zewg uliedha jsostnu li l-konvenut, apparti l-pensjoni, ghandu dhul ta' elf ewro fix-xahar mill-kumpanija C B' Marble Works Ltd.

Jigi osservat pero' illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici ma hiex qed tattakka l-validita' tal-iskrittura ta' Gunju 2011. Bil-kawza odjerna il-validita' tal-kuntratt ma hi bl-ebda mod messa in dubju. Imkien l-attrici ma tallega li l-kunsens taghha kien vizzjat, wisq anqas titlob ir-rexxissjoni tal-ftehim. Una volta l-validita' tal-iskrittura ta' bejn il-partijiet ma hiex attakkata jehtieg li t-talba attrici tigi evalwata fid-dawl tat-termini sew tal-iskrittura kif ukoll tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Alfred Grech vs Pauline Grech** deciza fis-6 ta' April 2004:-

"Min-naha l-ohra pero`, ghandu jinghad illi sakemm dan il-ftehim ma jigix impunjat, ma hemm assolutament l-ebda raguni l-ghala din il-Qorti, jew kwalsiasi Qorti ohra, ghandha tqisu bhala wiehed vizzjat u l-attur lanqas ma jista' jippretendi li jiehu xi vantagg billi *ex admissis* jistqarr li mexa' (jekk inhuwa tassew hekk) b'mod irresponsabbli."

Fil-kawza odjerna l-attrici ma hiex qed timpunja l-ftehim ta' Gunju 2011 u ghalhekk tali ftehim ghadu validu, vinkolanti u enforzabbli.

**Distinzjoni bejn Manteniment *Ex Contractu* u Manteniment Stabbilit Gudizzjarment**.

Rilevanti jigi osservat illi hawn si tratta ta’ manteniment pattwit bonarjament bejn il-partijiet u mhux manteniment ordnat b’sentenza ta’ Qorti.  Dan qed jinghad ghaliex il-gurisprudenza l-aktar recenti taghmel distinzjoni bejn il-wiehed u l-iehor.

Fil-kawza **Mary Vella vs Mario Vella** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta’ Jannar 1996, gie dikjarat illi l-kriterji applikabbli meta si tratta ta’ separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f’kaz ta’ manteniment li jkun gie impost mill- Qorti.

Hekk ukoll fil-kawza **Alfred Grech vs Pauline Grech** fuq citata, l-Onorabbli Qorti tal-Appell abbracjat il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza **Vella Utrinque** pronunzjata tmien snin qabel u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

“Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta’ varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta’ ftehim *per via* ta’ kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta’ *pacta sunt servanda*. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b’talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta’ retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta’ l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta’ natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta’ l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f’kazi simili jista’ jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti

jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "*ope legis*" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."

Din il-Qorti ser issegwi dan l-insenjament.

**Il-Kuntratt ta' bejn il-Partijiet Ma Jikkontemplatx Revizzjoni**.

Stabbilit li permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob varjazzjoni ta' dak miftiehem bil-ftehim ta' Gunju tas-sena 2011, il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina jekk tali revizzjoni gietx kontemplata mill-partijiet fil-kuntratt u fil-ftehim minnhom iffirmati.

Fil-kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat fl-24 ta' Awwissu 1999 il-partijet ftehmu li l-konvenut kellu jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm30 fil-gimgha "rapprezentanti manteniment ghaliha, liema manteniment jibqa' jithallas anke fl-eventwalita' li l-komparenti A sive Bice B timpjega ruhha." (klawsola 2). Il-partijiet kienu ftehmu wkoll illi "t-termini ta' dan il-kuntratt ma jigux varjati f'kaz li z-zwieg taghhom jigi dikjarat null minn Qorti jew Tribunal kompetenti jew f'kaz ta' divorzju", (klawsola 10). L-ebda varjazzjoni fil-manteniment ma giet kontemplata tant li l-konvenut obbliga ruhu li jkompli jhallas il-manteniment pattwit anke fl-eventwalita' li l-attrici timpjega ruhha.

Stabbilit illi l-partijiet ma stabbilewx cirkostanzi fejn il-manteniment pagabbli seta' jigi varjat fil-futur, il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-posizzjoni legali fir-rigward ta' talbiet ghal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali meta varjazzjoni fil-hlas ta' manteniment ma hijiex kontemplata.

Issir referenza ghas-sentenza "**Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**" moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012 fejn gew trattati *in funditus* il-konsiderazzjonijiet li ghandha taghmel Qorti

meta rinfaccjata b'talba ghal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt. F'dik il-kawza, a kuntrarju tal-kawza odjerna, kien qed jintalab li l-Qorti tirriduci l-*quantum* tal-manteniment pattwit stante li l-attur kien qed jallega li kien fl-impossibilta' li jkompli jhallas ir-rata shiha tal-manteniment miftiehem fuq il-kuntratt. L-appell kien gie intavolat mis-sentenza tal-Prim' Istanza li kienet cahdet l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici kienet improponibbli. Il-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:-

"Filwaqt li l-principju *pacta sunt servanda* ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-parti li gabuha fl-impossibbilita` li tkompli tezegwixxi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta` li tirrevedi dan l-obbligu.

Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju *ad impossibilia nemo tenetur*, li jifforma r-*ratio legis* tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt."

L-Onorabbli Qorti tal-Appell iddikjarat ukoll illi: "Rigward is-sottomissjoni tal-attur, li 'jekk il-Qrati jaccettaw li parti f'kuntratt ta' separazzjoni tista' b'xi mod tezimi ruhha mill-obbligu taghha dwar manteniment, il-parti l-ohra ghandu jkollha d-dritt li titlob varjazzjoni tal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti', hija fid-dawl tal-premess infondata, ghax dak li affermat il-Qorti mhijiex li parti "tezimi ruhha b'xi mod" mill-obbligu, izda li jigi pruvat li dik il-parti tkun qieghda, fic-cirkostanzi fuq indikati, fl-impossibbilita` reali li tesegwixxi dan l-obbligu kuntrattwali minnha assunt, u li allura jkun illogiku u anti guridiku li parti tigi mgieghla tezegwixxi obbligu li fir-realta`, minhabba cirkostanzi soppravenuti ghall-kuntratt, ma tistax tezegwixxi. *Multo magis* f'materja ta' hlas ta' manteniment fejn in-nuqqas ta'

parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghas-sanzjonijiet kriminali, bil-possibbilita` anke li tigi imposta fuqha piena karcerarja."

Ikkunsidrat;

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tenut kont tal-fattispecie tal-kaz odjern, li ghandu japplika l-principju *pacta sunt servanda.* Il-partijiet ma stipulawx li jkun hemm revizzjoni tal-*quantum* tal-manteniment pattwit jekk jirrizulta zieda fid-dhul tal-konvenut jew zieda fl-ammont ta' spejjez tal-attrici.

Sabiex l-azzjoni attrici tkun proponibbli ried ikun hemm fil-ftehim jew kuntratt ta' bejn il-partijiet klawsola li tippermetti zieda fil-manteniment f'kaz li d-dhul tal-konvenut jizdied jew f'kaz li l-ispejjez tal-attrici jizdiedu. Xejn minn dan ma gie pattwit. Lanqas zieda biex tirrifletti l-gholi tal-hajja ma gie miftiehem.

Meta si tratta ta' ftehim bonarjament milhuq bejn il-partijiet, il-kompitu tal-organu gudizzjarju huwa li jaghti effett ghall-ftehim u mhux li johloq stipulazzjonijiet godda.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut, tiddikjara l-azzjoni attrici bhala li ma hijiex proponibbli u tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------